# Mexxejja Pastorali ta' Bormla

## Minn Joseph R. Gatt



Il-ħatra ta' Dun Joe Mifsud bħala Arċipriet ġdid tal-Parroċċa ta' Bormla u tal-Kanonku Dun Stefan Bonanno, flimkien ma' ż-żewġ Kanonċi Onorarji oħra Dun Victor Cilia u Dun Anton Cassar, li ħadu l-pussess tal-Kolleġġjata ta' Bormla, nhar is-Sibt 11 ta' Frar, 1995, ħajritni nikteb xi ħaġa dwar il-mexxejja Pastorali li ħadu ħsieb din il-Parroċċa mit-twaqqif tagħha, 400 sena ilu, sal-lum.

**Bormla ssir Parroċċa**

Aktarx li l-ewwel tagħrif dwar il-Parroċċa ta' Bormla insibuh fil-Vista Appostolika li kien għamel f'Malta Mons. Pietro Dusina fl-1575. Mons. Dusina wasal Bormla fid-19 ta' Frar, 1575. Dak in-nhar kien żar il-Knisja ta' Santa Marija tas-Sokkors. Fost affarrijiet oħra, Mons. Dusina jgħid li din il-knisja ma kellhiex Rettur, iżda kienu jieħdu ħsiebha tliet prokuraturi lajċi. Kienet mibnija tajjeb, mhux kbira ħafna u miżmuma sewwa. Kellha altar maġġur u altari oħra. Ma kellha ebda pisijiet u dħul, iżda fiha kien jinżamm is-Sagrament. Dik il-ħabta, f'Bormla kien hemm madwar 1200 ruħ.



Dak in-nhar kienet saret talba min-nies ta' Bormla biex ikollhom qassis imħallas minnhom stess ħalli jibda jamministra s-Sagramenti Mqaddsa u jiċċelebra l-quddiesa. Mons Dusina, wara li fehem ir-raġunijiet tagħhom, laqa' t-talba tagħhom u ordna biex jinħatar qassis regulari. Dan, tista' tgħid, li kien l-ewwel pass biex Bormla, aktar tard, titwaqqaf f'Parroċċa. Dak iż-żmien, kemm Bormla u kemm l-Isla kienu jagħmlu mal-Parroċċa tal-Birgu.

Għall-ewwel, Bormla kellha bħala Viċi-Rettur lil Dun Salv Burlo'. Wara, madwar is-sena 1586, inqgħatet mill-Parroċċa tal-Birgu u saret Parroċċa indipendenti għaliha, bl-ewwel Kappillan tagħha Dun Mikiel Cap. Dan dam imexxiha għal 56 sena. Kien l-uniku kappillan li dam imexxi il-Parroċċa għal tant snin. Ta' min ifakkar li t-talba biex Bormla ssir Parroċċa tressqet quddiem Mons. Pietro Francesco Costa, suprantendent ta' l-Isqof Gargallo, fl-1 ta' Ġunju 1584.

**Il-Parroċċa ssir Kolleġġjata**

Fuq talba tal-kleru u n-nies ta' Bormla, il-knisja ġiet imgħollija f'Kolleġġata Insinji mill-Papa Piju VII, b'digriet tal-1822, maħruġ mill-Bażilika ta' Santa Maria Maggiore - Ruma. Dan kien fi żmien l-Isqof Ferdinando Mattei (1807 - 1829). Il-Knisja saret Kolleġġjata





*Dun Gużepp Bezzina l-ewwel Arċipriet tal-Kolleġġjata.*

b'Kapitlu ta' 18 il-Kanonku. L-ewwel Kapitlu ħa l-pussess fis-7 ta' Diċembru 1823, u kien magħmul hekk:- Arċipriet Kurat D. Ġużepp Bezzina, Teżorier D. Ġużepp Briffa, Kantur D. Anton Spiteri, Primiċerju D. Anton Debono, Dekan D. Ġulju Zammit, Prepostu D. Anton Baldacchino, Penitenzier D. Ġużepp Pisani, D. Ġużepp Diamantino, D. Ġanfranġisk Lia, D. Vinċenz Seychell, D. Salvatur Bertelli, D. Ġwakkin Lia, D. Ġużepp Azzopardi, D. Pietru Spiteri, D. Ġużepp Caruana Teologu, D. Pawl Azzopardi, D. Lawrenz Vella, u l-Kjeriku Pawlu Ellul.

Mat-twaqqif tal-Kolleġġjata kien hemm xi nuqqas ta' qbil bejn il-kanonċi u l-Kappillan, għax għalkemm il-Kolleġġjata kisbet xi privileġġi speċjali, it-talba tal-Kleru ma ġietx milqugħa kollha. Il-Kanonċi riedu li l-kura ta' l-erwieħ tkun f'idejn il-kapitlu, bi dmir li jaħtar wieħed minn fosthom bħala Kurat, li wara kellu jiġi mwettaq mill-Isqof, biex jieħu ħsieb l-amministrazzjoni tas-Sagramenti. Dan ma ġiex milqugħ minn Ruma.

Iżda qabel ma l-ewwel Kapitlu ħa l-pussess, kif għidna f'Diċembru 1823, kien intlaħaq ftehim bejniethom, biex it-tmexxija attwali u abitwali tkun f'idejn l-ewwel tliet Arċiprieti, imbagħad il-kura spiritwali kellha tgħaddi f'idejn il-Kapitlu. Dan il-ftehim kien ġie aktar tard milqugħ ukoll minn Ruma u l-Papa VIII ħareġ il-Bolla ta' l-"Unione" fl-1830. B'hekk saret l-għaqda tal-Parroċċa mal-Kolleġġjata.

**Il-Bolla Sospiża**

L-Isqof Francesco S. Caruana (1831 - 1847) għad-diffikultajiet li nqalgħu oppona din l-għaqda u qatt ma ħareġ id-Digriet għat-twettiq tagħha, sakemm fl-aħħar il-Bolla ġiet

sospiza mis-Segretarju ta' l-Istat, il-Kard. F. Capuccini fl-1838. Fl-istess żmien il-Kapitlu ntlaqat mill-Ordinanza maħruġa fl-1838 mill-Gvern Ingliż f'Malta, dwar il-ħatriet għal karigi jew benefiċji Ekklezjatiċi. Iżda l-Kapitlu talab lill-Gvernatur, u ġie eżentat.

Għal 18-il sena t-twettiq tal-Bolla ma sarx. B'danakollu, il-Kapitlu ma qatax qalbu, u baqa' jaħdem sa ma s-soluzzjoni ta' kollox nstabet fi żmien l-Isqof Publius Maria Sant (1847 - 1857). Il-Papa Piju IX, b'Dokument ieħor, approva l-Bolla ta' l-"Unione" fl-1850 u l-Isqof Sant ħareġ id-Digriet għat-twettiq tagħha. Għalhekk l-Arċipriet u l-Kanonċi reġgħu ħadu mill-ġdid il-pussess tal-kura attwali u abitwali ta' l-erwieħ fl-1852.

Ta' min ifakkar li wara l-mewt ta' l-aħħar Arċipriet - Kurat, Dun Anton Scasciato, li ġrat fl-1834, sal-1852 ma nħatar ebda Arċipriet. It-tmexxija tal-Parroċċa kienet f'idejn Vigarju Kurat approvat mill-Isqof. L-ewwel wieħed kien Dun Ġiuseppe Schembri (1834 - 1849). Meta dan inħatar Monsinjur tal-Katidral, il-kura spiritali għaddiet f'idejn D.





Mikiel Albanese (1849 - 1852). Fl-1852 inħatar l-ewwel Arċipriet mhux Kurat.

**Wara l-Konċilju**

Wara l-Konċilju Vatikan II, il-knisja bdiet twettaq diversi riformi. Dawn laqtu ukoll lill-Kolleġġjata ta' Bormla. Is-Santa Sede ħarġet id-Dokument "Ecclesiae Sanctae" biex tirregola u tnaqqas ċerti drittijiet u privileġġi li kellhom ċerti knejjes. Wara l-ħatra ta' l-aħħar Vigarju Kurat il-kan. Tezorier D. Alwiġ Abela bħala Mons. (1972) tal-Katidral,